**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

# ►B REGOLAMENT (UE) Nru 649/2012 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-4 ta' Lulju 2012

## dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż

**(riformulazzjoni)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1078/2014 tas-7 ta' Awwissu 2014 | L 297 | 1 | 15.10.2014 |
| ►M2 | Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/2229 tad-29 ta' Settembru 2015 | L 317 | 13 | 3.12.2015 |
| ►M3 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/172 tat-28 ta' Novembru 2017 | L 32 | 6 | 6.2.2018 |
| ►M4 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/330 tal-11 ta' Diċembru 2018 | L 59 | 1 | 27.2.2019 |
| ►M5 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1701 tat-23 ta' Lulju 2019 | L 260 | 1 | 11.10.2019 |

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 363, 18.12.2014, p. 185 (1078/2014)

▼B

# REGOLAMENT (UE) Nru 649/2012 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-4 ta' Lulju 2012**

**dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż**

**(riformulazzjoni)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

*Artikolu 1*

**Għanijiet**

1. L-għanijiet ta' dan ir-Regolament huma li:

(a) jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura tal-Kunsens Informat minn Qabel għal Xi Kimiċi u Pestiċidi Perikoluż fil-Kummerċ Internazzjonali, ("il-Konvenzjoni");

(b) jippromwovi r-responsabbiltà konġunta u sforzi kooperattivi fil-moviment internazzjonali tas-sustanzi kimiċi perikoluż sabiex jitħarsu s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-ħsara potenzjali;

(c) jikkontribwixxi għall-użu ta' sustanzi kimiċi perikoluż li ma jkunx ta' ħsara għall-ambjent.

L-għanijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkisbu billi jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' dawn is-sustanzi kimiċi perikoluż, billi jiġi previst-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Unjoni dwar l-importazzjoni u l-importazzjoni tagħhom u billi jiġu trażmessi d-deċiżjonijiet lill-Partijiet u lill-pajjiżi l-oħrajn kif xieraq.

2. Flimkien mal-għanijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, dan ir-Regolament għandu jiżgura li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-ippakkjar japplikaw għas-sustanzi kimiċi kollha meta jiġu esportati mill-Istati Membri lejn Partijiet jew pajjiżi, kemm-il darba dawk id-dispożizzjonijiet ma jkunux f'kunflitt ma' kwalunkwe rekwiżit speċifiku ta' dawk il-Partijiet jew pajjiżi oħrajn.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal:

(a) ċerti sustanzi kimiċi perikoluż li huma soġġetti għall-proċedura tal-kunsens informat minn qabel skont il-Konvenzjoni (il-proċedura "PIC");

(b) ċerti sustanzi kimiċi perikoluż li huma pprojbiti jew imrażżna strettament fl-Unjoni jew xi Stat Membru;

(c) sustanzi kimiċi esportati sa fejn huma kkonċernati l-klassifikar, it-tikkettjar u l-ippakkjar tagħhom.

2. Dan ir-Regolament m'għandhux japplika għal dawn li ġejjin:

▼B

(a) drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi ([1]);

(b) materjali radjuattivi u sustanzi koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti ([2]);

(c) skart kopert mid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart ([3]);

(d) armi kimiċi koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju ([4]);

(e) ikel u addittivi tal-ikel koperti mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali ([5]);

(f) għalf kopert mir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([6]) inkluż addittivi, jekk hux ipproċessati, ipproċessati parzjalment kif ukoll jekk le, maħsuba għall-użu fl-għalf orali għall-annimali;

(g) organiżmi mmodifikati ġenetikament koperti mid-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament ([7]);

(h) ħlief sa fejn ikunu koperti rispettivament mill-Artikolu 3(5)(b) ta' dan ir-Regolament, prodotti mediċinali xierqa u prodotti mediċinali veterinarji koperti bid-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ([8]) u d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji ([9]) rispettivament.

([1]) ĠU L 22, 26.1.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1.
([3]) ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.
([4]) ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1.
([5]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
([6]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([7]) ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1.
([8]) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67.
([9]) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1.

▼B

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal sustanzi kimiċi esportati għal għan ta' riċerka jew analiżi fi kwantitajiet li mhux probabbli li jaffettwaw is-saħħa umana jew l-ambjent u li fi kwalunkwe każ ma jeċċedux 10 kg minn kull esportatur lejn kull pajjiż importatur għal kull sena kalendarja.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, l-esportaturi tas-sustanzi kimiċi msemmija fih għandhom jiksbu numru tal-identifikazzjoni ta' referenza speċjali filwaqt li jużaw il-Bażi ta' Data msemmi fl-Artikolu 6(1)(a) u jipprovdu dak in-numru tal-identifikazzjoni ta' referenza fid-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni tagħhom.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

(1) "sustanza kimika" tfisser sustanza, kemm waħedha kif ukoll f'taħlita, jew taħlita, kemm manifatturata kif ukoll miksuba min-natura, iżda ma tinkludix organiżmi ħajjin, li tappartjeni għal kwalunkwe waħda minn dawn il-kategoriji:

(a) pestiċidi, li jinkludu formulazzjonijiet pestiċidi serjament perikolużi;

(b) sustanzi kimiċi industrijali;

(2) "sustanza" tfisser kwalunkwe element kimiku u l-komposti tiegħu kif iddefinit fil-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

(3) "taħlita" tfisser taħlita jew soluzzjoni kif iddefinit fil-punt 8 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(4) "oġġett" tfisser prodott lest li jkun fih jew li jinkludi kimika li l-użu tagħha ġie pprojbit jew ristrett ferm bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dak il-prodott partikolari meta dak il-prodott ma jaqax taħt il-punti 2 jew 3;

(5) "pestiċidi" tfisser kimika f'waħda minn dawn iż-żewġ sottokategoriji li ġejjin:

(a) pestiċidi użati fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti koperti mir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]);

(b) pestiċidi oħrajn, bħal:

(i) prodotti bijoċidali taħt id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ([2]) u;

(ii) diżinfettanti, insettiċidi u parasitiċidi koperti mid-Direttivi 2001/82/KE u 2001/83/KE;

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.

▼B

(6) “sustanzi kimiċi industrijali” tfisser sustanzi kimiċi f'waħda minn dawn iż-żewġ sottokategoriji li ġejjin:

(a) sustanzi kimiċi użati mill-professjonisti;

(b) sustanzi kimiċi għall-użu mill-pubbliku;

(7) “sustanzi kimiċi soġġetti għal notifika dwar l-esportazzjoni” tfisser kwalunkwe sustanza kimika li hija pprojbita jew imrażżna strettament fl-Unjoni f'waħda jew aktar mill-kategoriji jew sottokategoriji, u kwalunkwe sustanza kimika elenkata fl-1 Parti tal-Anness I li hija soġġetta għall-proċedura tal-PIC;

(8) “sustanza kimika li tikkwalifika għan-notifika tal-PIC” tfisser kwalunkwe sustanza kimika li hija pprojbita jew imrażżna strettament fl-Unjoni jew fi Stat Membru u f'kategorija waħda jew aktar. Sustanzi kimiċi pprojbiti jew imrażżna strettament fl-Unjoni f'kategorija waħda jew aktar huma elenkati fit-2 Parti tal-Anness I;

(9) “Sustanza kimika soġġetta għall-proċedura tal-PIC” tfisser kwalunkwe sustanza kimika elenkata fl-Anness III tal-Konvenzjoni u fil-Parti 3 tal-Anness I għal dan ir-Regolament;

(10) “sustanza kimika pprojbita” tfisser waħda minn dawn it-tnejn:

(a) sustanza kimika li l-użi kollha tagħha f'waħda jew aktar mill-kategoriji jew sottokategoriji ġew ipprojbiti b'azzjoni regolatorja finali mill-Unjoni, sabiex jitħarsu s-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent;

(b) sustanza kimika li nċaħditilha l-approvazzjoni għall-ewwel użu jew li ġiet irtirata mill-industrija jew mis-suq tal-Unjoni jew minn konsiderazzjoni ulterjuri fi proċess ta’ notifika, ta’ reġistrazzjoni jew ta’ approvazzjoni u fejn hemm prova li s-sustanza kimika tqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent;

(11) “sustanza kimika imrażżna strettament” tfisser waħda minn dawn it-tnejn:

(a) sustanza kimika, li virtwalment għal kull użu tagħha li jaqa' taħt waħda jew aktar mill-kategoriji jew sottokategoriji, ġiet ipprojbita b'azzjoni regolatorja finali tal-Unjoni għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, iżda li għaliha baqgħu permessi ċerti użi speċifiċi;

(b) sustanza kimika li, virtwalment għal kull użu tagħha, ġiet irrifjutata għall-approvazzjoni jew ġiet irtirata mill-industrija jew mis-suq tal-Unjoni jew inkella minn konsiderazzjoni ulterjuri fi proċess ta’ notifika, ta’ reġistrazzjoni jew ta’ approvazzjoni, u fejn hemm prova li s-sustanza kimika tqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent;

(12) “sustanza kimika pprojbita jew imrażżna strettament minn Stat Membru” tfisser kwalunkwe sustanza kimika li hija projbita jew imrażżna strettament b'azzjoni regolatorja finali nazzjonali ta’ Stat Membru;

▼B

(13) “azzjoni regolatorja finali” tfisser att legalement vinkolanti, li l-iskop tiegħu huwa li jipprojbixxi jew irażżan sustanza kimika strettament;

(14) “formulazzjoni pestiċida perikoluża ħafna” tfisser sustanza kimika fformolata għall-użu bħala pestiċida li tipproduċi effetti gravi fuq is-saħħa jew fuq l-ambjent, osservabbli f'perjodu qasir wara esponiment wieħed jew aktar, taħt il-kondizzjonijiet tal-użu;

(15) “territorju doganali tal-Unjoni” tfisser it-territorju kif iddefinit fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta’ Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([1]);

(16) “esportazzjoni” tfisser:

(a) l-esportazzjoni permanenti jew temporanja ta’ sustanza kimika li tissodisfa l-kondizzjonijiet tal-Artikolu 28(2) TFUE;

(b) l-esportazzjoni mill-ġdid ta’ sustanza kimika li ma tissodisfax il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28(2) TFUE li titqiegħed taħt proċedura doganali li ma tkunx il-proċedura ta’ tranżitu estern tal-Unjoni għal merkanzija li tkun għaddejja minn territorju doganali tal-Unjoni;

(17) “importazzjoni” tfisser l-introduzzjoni fiżika fit-territorju doganali tal-Unjoni ta’ sustanza kimika li titqiegħed taħt proċedura doganali li ma tkunx il-proċedura ta’ tranżitu estern tal-Unjoni għal merkanzija li tkun għaddejja minn territorju doganali tal-Unjoni;

(18) “esportatur” tfisser kwalunkwe wieħed mill-persuni li ġejjin, kemm jekk naturali kif ukoll jekk legali:

(a) il-persuna li ssir dikjarazzjoni dwar l-esportazzjoni f'isimha, jiġifieri l-persuna li, fil-ħin meta d-dikjarazzjoni tiġi aċċettata, għandha kuntratt mal-konsenjatarju f'Parti jew pajjiż ieħor u għandha s-setgħa li tiddetermina l-esportazzjoni tas-sustanza kimika 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) fejn ma jkun sar l-ebda kuntratt għall-esportazzjoni jew jekk id-detentur tal-kuntratt ma jaġixxix f'ismu stess, il-persuna li għandha s-setgħa tiddetermina l-esportazzjoni tas-sustanza kimika 'l barra mit-territorju doganali tal-Unjoni;

(c) fejn il-benefiċċju ta’ dritt li jiddisponi mis-sustanza kimika jappartjeni lil persuna stabbilita barra l-Unjoni skont il-kuntratt li fuqu hija bbażata l-esportazzjoni, il-parti kontraenti stabbilita fl-Unjoni;

(19) “importatur” tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali li fil-ħin tal-importazzjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni huwa l-konsenjatarju għas-sustanza kimika;

([1]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

▼B

(20) “Parti fil-Konvenzjoni” jew “Parti” tfisser Stat jew organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika li aċċettat li tintrabat bil-Konvenzjoni u li għaliha l-Konvenzjoni hija fis-seħħ;

(21) “pajjiż ieħor” tfisser kwalunkwe pajjiż li mhuwiex Parti;

(22) “L-Aġenzija” tfisser l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

(23) “is-Segretarjat” tfisser is-Segretarjat tal-Konvenzjoni, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Awtoritajiet Nazzjonali Nominati mill-Istati Membri**

Kull Stat Membru għandu jinnomina l-awtorità jew l-awtoritajiet, (“l-awtorità nazzjonali nominata” jew “l-awtoritajiet nazzjonali nominati”), biex iwettqu l-funzjonijiet amministrattivi meħtieġa minn dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx diġà għamel hekk qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.

Għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar din il-ħatra sas-17 ta’ Novembru 2012 sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx diġà pprovduta qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, u għandhom jinfurmaw ukoll lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla fl-awtorità nazzjonali maħtura.

*Artikolu 5*

**Parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Konvenzjoni**

1. Il-parteċipazzjoni fil-Konvenzjoni għandha tkun responsabilità konġunta tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-assistenza teknika, l-iskambju ta’ informazzjoni u kwistjonijiet relatati ma’ riżoluzzjoni tat-tilwim, parteċipazzjoni f'korpi sussidjarji u votazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha taġixxi bħala awtorità nominata komuni għall-funzjonijiet amministrattivi tal-Konvenzjoni b'referenza għall-proċedura tal-PIC f'isem u b'kooperazzjoni mill-qrib u b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali nominati tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, tkun responsabbli għal dan li ġej:

(a) it-trażmissjoni tan-notifiki tal-Unjoni tal-esportazzjoni lill-Partijiet u lil pajjiżi oħra skont l-Artikolu 8;

(b) it-tressiq tan-notifiki dwar l-azzjonijiet regolatorji finali rilevanti li jikkonċernaw sustanzi kimiċi li jikkwalifikaw għan-notifika tal-PIC, lis-Segretarjat skont l-Artikolu 11;

(c) it-trażmissjoni ta’ informazzjoni dwar azzjonijiet regolatorji finali oħra li jinvolvu sustanzi kimiċi li ma jikkwalifikawx għan-notifika tal-PIC skont l-Artikolu 12;

▼B

(d) ir-riċeviment ta' informazzjoni mis-Segretarjat b'mod aktar ġenerali.

Il-Kummissjoni għandha wkoll tipprovdi lis-Segretarjat b'reazzjonijiet tal-Unjoni dwar l-importazzjoni għas-sustanzi kimiċi soġġetti għall-proċedura tal-PIC skont l-Artikolu 13.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-kontribut tal-Unjoni fir-rigward tal-kwistjonijiet tekniċi kollha relatati ma' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-Konvenzjoni;

(b) it-tħejjija tal-Konferenza tal-Partijiet stabbilita mill-Artikolu 18(1) tal-Konvenzjoni;

(c) il-Kumitat għar-Reviżjoni tal-Kimika stabbilit skont l-Artikolu 18(6) tal-Konvenzjoni ("il-Kumitat għar-Reviżjoni tal-Kimika");

(d) korpi sussidjarji oħrajn tal-Konferenza tal-Partijiet.

3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-inizzjattivi meħtieġa sabiex jaċċertaw rappreżentanza xierqa tal-Unjoni fil-korpi varji li jimplimentaw il-Konvenzjoni.

*Artikolu 6*

**Kompiti tal-Aġenzija**

1. L-Aġenzija għandha, barra mill-kompiti allokati lilha skont l-Artikoli 7, 8, 9, 10, 11, 13, 14, 15,18, 19, 20, 21, 22 u 25, twettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) iżżomm, tiżviluppa aktar u taġġorna regolarment bażi ta' data dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikoluż i ("il-Bażi ta' Data");

(b) tpoġġi l-Bażi ta' Data għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq il-websajt tagħha;

(c) fejn xieraq, tipprovdi, bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni u wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, assistenza teknika u gwida xjentifika u għodod għall-industrija sabiex tiżgura l-applikazzjoni effikaċi ta' dan ir-Regolament;

(d) tipprovdi, bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni, lill-awtoritajiet nazzjonali nominati tal-Istati Membri assistenza teknika u gwida xjentifika sabiex tiżgura l-applikazzjoni effikaċi ta' dan ir-Regolament;

(e) fuq talba mill-esperti tal-Istati Membru jew tal-Kummissjoni tal-Kumitat għar-Reviżjoni tal-Kimika, u fi ħdan ir-riżorsi disponibbli, tieħu sehem fit-tfassil ta' dokumenti ta' gwida għat-teħid tad-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u dokumenti tekniċi oħra relatati mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni;

▼B

(f) meta tintalab, tipprovdi lill-Kummissjoni b'input tekniku u xjentifiku u tgħinha sabiex tiżgura l-implimentazzjoni effikaċi ta' dan ir-Regolament;

(g) meta tintalab, tipprovdi lill-Kummissjoni b'input tekniku u xjentifiku u tgħinha teżerċita r-rwol tagħha bħala l-awtorità nominata komuni tal-Unjoni.

2. Is-Segretarjat tal-Aġenzija għandu jwettaq il-kompiti allokati lill-Aġenzija skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 7*

**Is-sustanzi kimiċi soġġetti għan-notifika dwar l-esportazzjoni, is-sustanzi kimiċi li jikkwalifikaw għan-notifika tal-PIC u s-sustanzi kimiċi soġġetti għall-proċedura tal-PIC**

1. Is-sustanzi kimiċi suġġetti għan-notifika tal-esportazzjoni, is-sustanzi kimiċi li jikkwalifikaw għan-notifika tal-PIC u s-sustanzi kimiċi suġġetti għall-proċedura tal-PIC rispettivament għandhom ikunu kif elenkati fl-Anness I.

2. Is-sustanzi kimiċi elenkati fl-Anness I għandhom jiġu assenjati lil grupp wieħed jew aktar minn tliet gruppi ta' sustanzi kimiċi, stabbiliti bħala Partijiet 1, 2 u 3 ta' dak l-Anness.

Is-sustanzi kimiċi elenkati f'Parti 1 tal-Anness I għandhom ikunu soġġetti għall-proċedura ta' notifika ta' esportazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8, b'informazzjoni ddettaljata dwar l-identità tas-sustanza, dwar il-kategorija u/jew sottokategorija tal-użu, soġġetta għar-restrizzjonijiet, it-tip ta' restrizzjonijiet u, fejn xieraq, aktar informazzjoni b'mod partikolari dwar l-eżenzjonijiet mir-rekwiżiti dwar in-notifika tal-esportazzjoni.

Is-sustanzi kimiċi elenkati fil-Parti 2 tal-Anness I għandhom, minbarra li jkunu soġġetti għal notifika ta' esportazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8, jikkwalifikaw għall-proċedura tan-notifika tal-PIC stabbilita fl-Artikolu 11, b'informazzjoni dettaljata mogħtija dwar l-identità tas-sustanza u l-kategorija tal-użu.

Is-sustanzi kimiċi elenkati fil-Parti 3 tal-Anness I għandhom ikunu soġġetti għall-proċedura tal-PIC mal-kategorija tal-użu mogħtija, u fejn xieraq, aktar informazzjoni b'mod partikolari dwar kwalunkwe rekwiżiti dwar in-notifika tal-esportazzjoni.

3. Il-listi stipulati fl-Anness I għandhom jitqiegħdu disponibbli pubblikament permezz tal-Bażi ta' Data.

*Artikolu 8*

**Notifiki tal-Esportazzjoni mibgħuta lil Partijiet u pajjiżi oħrajn**

1. Fil-każ ta' sustanzi elenkati f'Parti 1 tal-Anness I jew taħlitiet li fihom sustanzi bħal dawn f'konċentrazzjoni li twassal għal obbligi ta'

▼B

tikkettar skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ikunx fihom sustanzi oħra jew le, għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 8 ta' dan l-Artikolu indipendentement mill-użu intiż tas-sustanza kimika fil-Parti jew pajjiż ieħor li jimporta.

2. Meta esportatur ikollu jesporta sustanza kimika elenkata fil-paragrafu 1 mill-Unjoni lejn Parti jew pajjiż ieħor fid-data meta jsir soġġett għal dan ir-Regolament jew wara, l-esportatur għandu jinnotifika lill-awtorità nazzjonali nominata tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit ("l-Istat Membru tal-esportatur"), mhux aktar tard minn 35 jum qabel id-data mistennija tal-esportazzjoni. Wara dan l-esportatur għandu jinnotifika lill-awtorità nazzjonali nominata dwar l-ewwel esportazzjoni tas-sustanza kimika kull sena kalendarja mhux aktar tard minn 35 jum qabel ma ssir l-esportazzjoni. In-notifiki għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-informazzjoni stipulati fl-Anness II u għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri permezz tal-Bażi ta' Data.

L-awtorità nazzjonali nominata mill-Istat Membru tal-esportatur għandha tivverifika l-konformità tal-informazzjoni mal-Anness II u jekk in-notifika tkun kompleta tibgħatha lill-Aġenzija mhux aktar tard minn 25 jum qabel id-data mistennija tal-esportazzjoni.

L-Aġenzija għandha f'isem il-Kummissjoni, tittrasmetti n-notifika lill-awtorità nazzjonali nominata tal-Parti li timporta jew l-awtorità kompetenti ta' pajjiż ieħor li jimporta u tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li huma jirċievu dik in-notifika mhux aktar tard minn 15-il jum qabel l-ewwel esportazzjoni maħsuba tas-sustanza kimika u wara dan mhux aktar tard minn 15-il jum qabel l-ewwel esportazzjoni tas-sustanza kimika f'kull sena kalendarja sussegwenti.

L-Aġenzija għandha tirreġistra kull notifika ta' esportazzjoni u tassenjalha numru ta' identifikazzjoni għal referenza fil-Bażi ta' Data. L-Aġenzija għandha wkoll tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u l-awtoritajiet nazzjonali maħtura tal-Istati Membri, kif xieraq lista aġġornata tas-sustanzi kimiċi kkonċernati u l-Partijiet importaturi u l-pajjiżi l-oħra għal kull sena kalendarja permezz tal-Bażi ta' Data.

3. Jekk l-Aġenzija ma tirċevix mill-Parti li timporta jew pajjiż ieħor rikonoxximent tal-irċevuta tal-ewwel notifika dwar l-esportazzjoni li tkun saret wara li s-sustanza kimika tiġi inkluża fil-Parti 1 tal-Anness I fi żmien 30 jum mit-trażmissjoni ta' tali notifika, għandha f'isem il-Kummissjoni, tressaq it-tieni notifika. L-Aġenzija għandha f'isem il-Kummissjoni tagħmel sforzi raġjonevoli biex tiżgura li l-awtorità nazzjonali nominata tal-Parti li timporta jew l-awtorità kompetenti tal-pajjiż ieħor li jimporta tirċievi t-tieni notifika.

4. Notifika ġdida tal-esportazzjoni għandha ssir f' konformita'mal-paragrafu 2 għal esportazzjonijiet li jsiru wara d-dħul fis-seħħ ta' emendi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-marketing, użu jew tikkettjar tas-sustanzi inkwistjoni jew kull meta l-kompożizzjoni tat-taħlitiet inkwistjoni tinbidel b'mod li t-tikkettjar ta' dawn it-taħlitiet jinbidel. In-notifika l-ġdida għandha tħares ir-rekwiżiti għall-informazzjoni stipulati fl-Anness II u għandha tindika li hija reviżjoni tan-notifika ta' qabel.

▼B

5. Meta l-esportazzjoni ta’ sustanza kimika hija marbuta ma’ sitwazzjoni ta’ emerġenza fejn kwalunkwe dewmien jista' jqiegħed fil-periklu s-saħħa pubblika jew l-ambjent fil-Parti li timporta jew pajjiż importatur ieħor, tista' tingħata eżenzjoni totali jew parzjali mir-rekwiżiti tal-paragrafi 2, 3 u 4, fuq talba motivata mill-esportatur jew mill-Parti li timporta jew pajjiż ieħor u għad-diskrezzjoni tal-awtorità nazzjonali nominata tal-Istat Membru tal-esportatur, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni assistita mill-Aġenzija. Deċiżjoni dwar it- talba titqies li tkun ittieħdet f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni jekk ma jkunx hemm risposta dissendenti mill-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem minn meta l-awtorità nazzjonali nominata mill-Istat Membru tkun bgħatitilha d-dettalji tat-talba.

6. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi stipulati fl-Artikolu 19(2), l-obbligi stipulati fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta’ dan l-Artikolu għandhom jieqfu meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sustanza kimika tkun saret sustanza kimika soġġetta għall-proċedura PIC;

(b) il-pajjiż importatur li jkun Parti fil-Konvenzjoni jkun wieġeb skont l-Artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni lis-Segretarjat dwar l-għoti, jew le, tal-kunsens għall-importazzjoni tas-sustanza kimika, u

(c) il-Kummissjoni tkun ġiet infurmata bit-tweġiba mis-Segretarjat u ressqet din l-informazzjoni lill-Istati Membri u lill-Aġenzija.

Minkejja l-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, l-obbligi stipulati fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta’ dan l-Artikolu ma għandhomx jiefqu meta l-pajjiż importatur li jkun Parti fil-Konvenzjoni jesiġi espliċitament li jitkomplew in-notifiki dwar l-esportazzjoni mill-Partijiet li jesportaw, pereżempju permezz tad-deċiżjoni tiegħu dwar l-importazzjoni jew mod ieħor.

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi stipulati fl-Artikolu 19(2), l-obbligi stipulati fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta’ dan l-Artikolu għandhom ukoll jieqfu meta jiġu ssodisfati iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità nazzjonali nominata tal-Parti li timporta jew l-awtorità kompetenti ta’ pajjiż importatur ieħor irrinunzjat għar-rekwiżit li tiġi notifikata qabel l-esportazzjoni tas-sustanza kimika; u

(b) il-Kummissjoni rċeviet din l-informazzjoni mis-Segretarjat jew mill-awtorità nazzjonali nominata tal-Parti li timporta jew mill-awtorità kompetenti ta’ pajjiż importatur ieħor u għaddietha lill-Istati Membri u lill-Aġenzija, li għamlitha disponibbli permezz tal-Bażi ta’ Data.

7. Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali nominata rilevanti tal-Istati Membri, l-Aġenzija u l-esportaturi għandhom, fuq talba, ifornu lill-Partijiet li jimportaw u pajjiżi importaturi oħra b'informazzjoni ulterjuri disponibbli dwar is-sustanzi kimiċi esportati.

▼B

8. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu, b'mod trasparenti, sistemi li jobbligaw lill-esportaturi biex iħallsu tariffa amministrattiva għal kull notifika tal-esportazzjoni li ssir u għal kull talba għal kunsens espliċitu li ssir, li tikkorrispondi għall-ispejjeż li jġarrbu marbuta mal-proċeduri stipulati fil-paragrafi 2 u 4 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 14(6) u (7).

*Artikolu 9*

**Notifiki tal-esportazzjoni rċevuti milll-Partijiet u pajjiżi oħrajn**

1. Notifiki tal-esportazzjoni rċevuti mill-Aġenzija mingħand l-awtorità nazzjonali nominata ta' Partijiet jew l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi oħrajn dwar l-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' sustanza kimika li l-manifattura, l-użu, it-trattament, il-konsum, it-trasport u il-bejgħ tagħha huma soġġetti għal projbizzjoni jew restrizzjonijiet iebsa taħt il-leġiżlazzjoni ta' dik il-Parti jew dak il-pajjiż ieħor għandhom ikunu disponibbli permezz tal-Bażi ta' Data fi żmien 15-il jum minn meta l-Aġenzija tirċievi tali notifika.

L-Aġenzija għandha f'isem il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-wasla tal-ewwel notifika ta' esportazzjoni rċevuta għal kull sustanza kimika minn kull Parti jew pajjiż ieħor.

L-awtorità nazzjonali nominata tal-Istat Membru li jirċievi dik l-importazzjoni għandha tirċievi kopja ta' kwalunkwe notifika rċevuta mill-Aġenzija, fi żmien 10 ijiem, mir-riċezzjoni flimkien ma' kull informazzjoni disponibbli. L-Istati Membri l-oħrajn għandhom ikunu intitolati li jirċievu kopja fuq talba.

2. Meta l-Kummissjoni jew l-awtoritajiet nazzjonali nominati tal-Istati Membri jirċievu kwalunkwe notifika ta' esportazzjoni direttament jew indirettament mill-awtoritajiet nazzjonali nominati ta' Partijiet jew awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi oħrajn, għandhom jibagħtu dawn in-notifiki minnufih lill-Aġenzija flimkien mal-informazzjoni kollha disponibbli.

*Artikolu 10*

**Informazzjoni dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi**

1. Kull esportatur ta' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) sustanzi elenkati fl-Anness I,

(b) taħlitiet li jkun fihom dawn is-sustanzi f'konċentrazzjoni li twassal għal obbligi ta' tikkettar skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ikunux preżenti jew le kwalunkwe sustanzi oħra.

(c) oġġetti li jkun fihom sustanzi elenkati fil-Parti 2 jew 3 tal-Anness I f'forma li għadha ma rreaġġietx jew taħlitiet li fihom sustanzi bħal dawn f'konċentrazzjoni li twassal għal obbligi ta' tikkettar skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, ikunx fihom sustanzi oħra jew le,

▼B

għandu fl-ewwel tliet xhur ta' kull sena jinforma lill-awtorità nazzjonali nominata tal-Istat Membru tal-esportatur rigward il-kwantità tas-sustanza kimika, bħala sustanza u kif tinsab f'taħlitiet jew f'oġġetti, mibgħuta lil kull Parti jew pajjiż ieħor matul is-sena ta' qabel. Dik l-informazzjoni għandha tingħata flimkien ma' lista tal-ismijiet u l-indirizzi ta' kull persuna fiżika jew ġuridika li timporta s-sustanza kimika f' Parti jew f' pajjiż ieħor li saret konsenja lilu matul l-istess perjodu. Din l-informazzjoni għandha telenka l-esportazzjonijiet b'mod separat skont l-Artikolu 14(7).

Kull importatur fl-Unjoni għandu jagħti l-informazzjoni ekwivalenti għall-kwantitajiet importati lejn l-Unjoni.

2. Fuq talba mill-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija, jew mill-awtorità nazzjonali nominata tal-Istat Membru tagħha, l-esportatur jew importatur għandu jipprovdi kull informazzjoni oħra dwar il-kimika li huwa meħtieġ sabiex jiġi implimentat dan ir-Regolament.

3. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Aġenzija kull sena b'informazzjoni aggregata skont l-Anness III. L-Aġenzija għandha tqassar dik l-informazzjoni fuq livell tal-Unjoni u tagħmel l-informazzjoni mhux kunfidenzjali disponibbli pubblikament permezz tal-Bażi ta' Data.

*Artikolu 11*

**Notifika ta' sustanzi kimiċi pprojbiti jew imrażżna strettament taħt il-Konvenzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika bil-miktub lis-Segretarjat dwar is-sustanzi kimiċi elenkati fil-Parti 2 tal-Anness I, li jikkwalifikaw għal notifika tal-PIC.

2. Kull meta aktar sustanzi kimiċi jiżdiedu mal-Parti 2 tal-Anness 1 skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2), il-Kummissjoni għandha tinnotifika dawk is-sustanzi kimiċi lis-Segretarjat. Dik in-notifika tal-PIC għandha titressaq mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tal-azzjoni regolatorja finali fil-livell tal-Unjoni rilevanti li tipprojbixxi jew trażżan is-sustanza kimika strettament, u mhux aktar tard minn 90 jum wara d-data meta l-azzjoni regolatorja finali għandha tiġi applikata.

3. In-notifika tal-PIC għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha rikjesta fl-Anness IV.

4. Meta tistabbilixxi l-prijoritajiet għan-notifiki, il-Kummissjoni għandha tqis jekk is-sustanza kimika hijiex diġà elenkata fil-Parti 3 tal-Anness I, sa fejn jistgħu jintlaħqu r-rekwiżiti dwar l-informazzjoni stabbiliti fl-Anness IV, il-gravità tar-riskji ppreżentati mis-sustanza kimika, b'mod partikolari għall-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw.

Fejn sustanza kimika tikkwalifika għan-notifika tal-PIC, iżda l-informazzjoni mhijiex biżżejjed biex tilħaq ir-rekwiżiti tal-Anness IV, l-esportaturi jew l-importaturi identifikati għandhom, fuq talba mill-Kummissjoni, jipprovdu l-informazzjoni kollha rilevanti għad-dispożizzjoni tagħhom, inkluża dik minn programmi oħra nazzjonali jew internazzjonali għall-kontroll tas-sustanzi kimiċi fi żmien 60 ġurnata mit-talba.

▼B

5. Il-Kummissjoni għandha tavża lis-Segretarjat bil-miktub meta azzjoni regolatorja finali nnotifikata skont il-paragrafi 1 jew 2 tiġi mmodifikata mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tal-azzjoni regolatorja finali l-ġdida, u mhux aktar tard minn 60 jum wara d-data meta l-azzjoni regolatorja finali l-ġdida għandha tiġi applikata.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha li kienet disponibbli fil-ħin meta n-notifika inizjali saret taħt il-paragrafi 1 jew 2 rispettivament.

6. Fuq talba minn kwalunkwe Parti jew mis-Segretarjat, il-Kummissjoni għandha tipprovdi aktar informazzjoni dwar is-sustanza kimika jew l-azzjoni regolatorja finali, sa fejn huwa prattikabbli.

L-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom, fuq talba, jassistu lill-Kummissjoni kif meħtieġ fil-ġbir ta' dik l-informazzjoni.

7. Il-Kummissjoni għandha tibgħat minnufih lill-Istati Membri u lill-Aġenzija informazzjoni li tirċievi mis-Segretarjat dwar sustanzi kimiċi nnotifikati bħala pprojbiti jew imrażżna strettament minn Partijiet oħrajn.

Fejn xieraq il-Kummissjoni għandha tevalwa, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-Aġenzija, il-ħtieġa li tipproponi miżuri fuq livell tal-Unjoni għall-prevenzjoni ta' riskji inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent fl-Unjoni.

8. Meta Stat Membru jieħu azzjoni regolatorja nazzjonali finali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti biex jipprojbixxi jew irażżan sustanza kimika strettament, għandu jagħti l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri. Fi żmien erba' ġimgħat, minn meta l-informazzjoni tkun saret disponibbli, l-Istati Membri jistgħu jibagħtu l-kummenti fuq notifika tal-PIC possibbli, inkluż, b'mod partikolari, informazzjoni dwar il-pożizzjoni regolatorja nazzjonali dwar is-sustanza kimika, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, li taw l-azzjoni regolatorja nazzjonali finali. Wara konsiderazzjoni tal-kummenti, l-Istat Membru li ssottometta għandu jinforma lill-Kummissjoni jekk din għandhiex:

(a) tagħmel in-notifika tal-PIC lis-Segretarjat, skont dan l-Artikolu; jew

(b) tagħti l-informazzjoni lis-Segretarjat, skont l-Artikolu 12.

*Artikolu 12*

**Informazzjoni li għandha tiġi trażmessa lis-Segretarjat dwar sustanza kimika pprojbita jew imrażżna strettament li ma tikkwalifikax għan-notifika tal-PIC**

Fil-każ fejn, is-sustanzi kimiċi huma elenkata biss fil-Parti 1 tal-Anness I, jew wara li tkun waslet l-informazzjoni minn Stat Membru skont il-punt (b) tal-Artikolu 11(8), il-Kummissjoni għandha tipprovdi lis-Segretarjat b'informazzjoni dwar l-azzjonijiet regolatorji finali rilevanti, sabiex l-informazzjoni tkun tista' titqassam lill-Partijiet l-oħrajn għall-Konvenzjoni kif xieraq.

▼B

*Artikolu 13*

**Obbligi marbuta mal-importazzjoni tas-sustanzi kimiċi**

1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat minnufih lill-Istati Membri u lill-Aġenzija kwalunkwe dokument ta' gwida għad-deċiżjonijiet li tirċievi mis-Segretarjat.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tadotta deċiżjoni dwar l-importazzjoni, fil-forma ta' reazzjoni dwar l-importazzjoni finali jew temporanja f'isem l-Unjoni dwar l-importazzjoni fil-futur tas-sustanza kimika kkonċernata. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 27(2). Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni lis-Segretarjat mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard minn disa' xhur wara d-data tat-trażmissjoni tad-dokument ta' gwida għad-deċiżjonijiet mis-Segretarjat.

Meta sustanza kimika ssir soġġetta għal restrizzjonijiet addizzjonali jew emendati taħt leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tadotta deċiżjoni riveduta dwar l-importazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 27(2). Il-Kummissjoni għandha tikkomunikaha lis-Segretarjat.

2. F'każ ta' sustanza kimika pprojbita jew imrażżna strettament minn Stat Membru wieħed jew aktar, il-Kummissjoni għandha, fuq talba bil-miktub tal-Istati Membri kkonċernati, tqis l-informazzjoni fid-deċiżjoni tagħha dwar l-importazzjoni.

3. Deċiżjoni dwar l-importazzjoni skont il-paragrafu 1 għandha tirrigwarda l-kategorija jew kategoriji speċifikati għas-sustanza kimika fid-dokument ta' gwida għad-deċiżjonijiet.

4. Meta tikkomunika d-deċiżjoni tagħha dwar l-importazzjoni lis-Segretarjat, il-Kummissjoni għandha tipprovdi deskrizzjoni tal-miżura leġiżlattiva jew amministrattiva li hija bbażata fuqha.

5. Kull awtorità nazzjonali nominata fl-Unjoni mill-Istati Membri għandha tqiegħed id-deċiżjonijiet dwar l-importazzjoni skont il-paragrafu 1 għad-dispożizzjoni ta' dawk ikkonċernati fi ħdan il-kompetenza tagħha, skont il-miżuri leġiżlattivi jew amministrattivi tagħha. L-Aġenzija għandha tagħmel pubbliċi d-deċiżjonijiet tal-importazzjoni taħt il-paragrafu 1 permezz tal-Bażi ta' Data.

6. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tevalwa, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-Aġenzija, il-ħtieġa li tipproponi miżuri fuq livell tal-Unjoni għall-prevenzjoni ta' riskji inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent fl-Unjoni, filwaqt li tieħu kont tal-informazzjoni li tinsab fid-dokument ta' gwida għad-deċiżjonijiet.

*Artikolu 14*

**Obbligi relatati ma' esportazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi minbarra n-notifika dwar l-esportazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat minnufih lill-Istati Membri, l-Aġenzija u l-għaqdiet Ewropej tal-industrija, l-informazzjoni li tirċievi, kemm f'forma ta' ċirkolari jew mod ieħor, mis-Segretarjat dwar is-sustanzi kimiċi soġġetti għall-proċedura tal-PIC u d-deċiżjonijiet

▼B

tal-Partijiet li jimportaw dwar kondizzjonijiet tal-importazzjoni fuq dawn is-sustanzi kimiċi. Għandha wkoll tibgħat minnufih lill-Istati Membri u l-Aġenzija informazzjoni dwar kwalunkwe każ ta' nuqqas li tiġi trażmessa tweġiba skont l-Artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni. L-Aġenzija għandha tassenja lil kull deċiżjoni dwar l-importazzjoni numru ta' identifikazzjoni ta' referenza u żżomm l-informazzjoni kollha dwar tali deċiżjonijiet disponibbli pubblikament permezz tal-Bażi ta' Data, u tagħti informazzjoni lil kwalunkwe persuna meta tintalab tipprovdiha.

2. Il-Kummissjoni għandha tassenja kull sustanza kimika elenkata fl-Anness I, klassifika fin-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea. Dawk il-klassifiki għandhom jiġu rriveduti kif meħtieġ fid-dawl ta' kwalunkwe tibdiliet li jkunu saru lin-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana jew lin-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea għas-sustanzi kimiċi kkonċernati.

3. Kull Stat Membru għandu jikkomunika l-informazzjoni u d-deċiżjonijiet mibgħuta mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1 lil dawk affettwati fil-ġurisdizzjoni tiegħu.

4. L-esportaturi għandhom josservaw id-deċiżjonijiet f' kull reazzjoni dwar l-importazzjoni mhux aktar tard minn sitt xhur wara li s-Segretarjat ikun għarraf għall-ewwel darba lill-Kummissjoni dwar tali deċiżjonijiet skont il-paragrafu 1.

5. Il-Kummissjoni assistita mill-Aġenzija, kif ukoll l-Istati Membri għandhom javżaw u jassistu lill-Partijiet importaturi, fuq talba u kif xieraq, fil-ksib ta' aktar informazzjoni meħtieġa biex iħejju tweġiba lis-Segretarjat dwar l-importazzjoni ta' sustanza kimika speċifika.

6. Sustanzi elenkati fil-Parti 2 jew 3 tal-Anness I jew taħlitiet li fihom sustanzi bħal dawn f'konċentrazzjoni li twassal għall-obbligi ta' tikkettar skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ikunx fihom sustanzi oħra jew le, indipendentement mill-użu intiż fil-Parti ta' importazzjoni jew -pajjiż ieħor, m'għandhomx jiġu esportati jekk ma tkunx ġiet ssodisfata waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun intalab mill-esportatur, u ngħata l-kunsens espliċitu li jimporta, mill-awtorità nazzjonali nominata tal-Istat Membru tal-esportatur, b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija,u l-awtorità nazzjonali nominata tal-Parti li timporta jew awtorità kompetenti f'pajjiż ieħor li jimporta;

(b) fil-każ ta' sustanzi kimiċi elenkati fil-Parti 3 tal-Anness I, l-aħħar ċirkolari maħruġa mis-Segretarjat skont il-paragrafu 1 tindika li l-Parti li timporta tat il-kunsens tagħha għall-importazzjoni.

Fil-każ ta' sustanzi kimiċi elenkati f'Parti 2 tal-Anness I li huma għall-esportazzjoni lejn pajjiżi OECD, l-awtorità nazzjonali nominata tal-Istat Membru tal-esportatur tista', fuq talba tal-esportatur, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u fuq il-bażi ta' kull każ għalih, tiddeċiedi li l-ebda kunsens espliċitu m'huwa meħtieġ jekk is-sustanza kimika, fil-waqt tal-importazzjoni fil-pajjiż OECD kkonċernat, hija liċenzjata, irreġistrata jew awtorizzata f'dak il-pajjiż OECD

▼B

Fejn ikun intalab il-kunsens espliċitu skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu jekk l-Aġenzija ma tkunx irċeviet tweġiba għat-talba fi żmien 30 jum, l-Aġenzija għandha f'isem il-Kummissjoni tibgħat tfakkira sakemm il-Kummissjoni jew l-awtorità nazzjonali nominata tal-Istat Membru tal-esportatur ma tkunx irċeviet tweġiba u bagħtitha lill-Aġenzija. Fejn jixraq, jekk tkun għadha ma waslitx tweġiba fi żmien 30 jum ieħor, l-Aġenzija tista' tibgħat tfakkiriet ulterjuri kif meħtieġ.

7. Fil-każ ta' sustanzi kimiċi elenkati fil-Parti 2 jew fil-Parti 3 tal-Anness I, l-awtorità nazzjonali nominata tal-Istat Membru tal-esportatur tista', f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni megħjuna mill-Aġenzija u fuq il-bażi ta' kull każ għalih u abbażi tat-tieni subparagrafu, tiddeċiedi li l-esportazzjoni tista' tipproċedi, jekk ma teżisti l-ebda evidenza minn sorsi uffiċjali li l-parti li timporta jew pajjiż ieħor ħadu azzjoni regolatorja finali li tipprojbixxi jew trażżan strettament l-użu tas-sustanza kimika u jekk wara l-isforzi raġjonevoli kollha, l-ebda tweġiba għal talba għall-kunsens espliċitu skont il-punt (a) tal-paragrafu 6 ma tkun waslet fi żmien 60 jum u fejn tkun ġiet issodisfata waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) teżisti evidenza minn sorsi uffiċjali fil-Parti li timporta jew pajjiż ieħor li s-sustanza kimika hija liċenzjata, irreġistrata jew awtorizzata; jew

(b) l-użu maħsub iddikjarat fin-notifika ta' esportazzjoni u kkonfermat bil-miktub mill-persuna fiżika jew ġuridika li timporta s-sustanza kimika f' Parti jew f' pajjiż ieħor, mhuwiex fil-kategorija li fiha s-sustanza kimika hija elenkata fil-Parti 2 jew 3 tal-Anness I, kif ukoll teżisti evidenza minn sorsi uffiċjali li fl-aħħar 5 snin is-sustanza kimika kienet qed tintuża, jew tiġi importata fil-Parti ta' importazzjoni jew ' pajjiż ieħor kkonċernat.

Fil-każ tas-sustanzi kimiċi mniżżla fil-Parti 3 tal-Anness I, esport ibbażat fuq is-sodisfazzjon tal-kundizzjoni taħt il-punt (b) ma jistax jipproċedi jekk is-sustanza kimika ma tkunx ġiet ikklassifikata f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 bħala karċinoġena fil-kategorija 1 A jew 1B, jew mutaġenika fil-kategorija 1 A jew 1B, jew tossika għar-riproduzzjoni fil-kategorija 1 A jew 1B jew is-sustanza kimika tissodisfa l-kriterji tal-Anness XIII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 li hi persistenti u bijoakkumulattiva jew tossika jew persistenti u bijoakkumulattiva ħafna.

Fid-deċiżjoni dwar l-esportazzjoni ta' sustanzi kimiċi elenkati fil-Parti 3 tal-Anness I, l-awtorità nazzjonali nominata tal-Istat Membru tal-esportatur f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni megħjuna mill-Aġenzija, għandha tikkunsidra l-impatt possibbli fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent li fih tkun se tintuża s-sustanza kimika fil-Parti li timporta jew fil-pajjiż ieħor importatur, u tippreżenta d-dokumentazzjoni relevanti lill-Aġenzija, li għandha ssir disponibbli permezz tal-Bażi ta' Data.

8. Il-validità ta' kull kunsens espliċitu miksub skont il-punt (a) tal-paragrafu 6 jew deċiżjoni biex titwettaq l-esportazzjoni fejn ma jkunx hemm kunsens espliċitu skont il-paragrafu 7 għandha tkun soġġetta għal reviżjoni perjodika mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati, kif ġej:

▼B

(a) għal kull kunsens espliċitu miksub skont il-punt (a) tal-paragrafu 6 kunsens espliċitu ġdid għandu jkun meħtieġ sa tmiem it-tielet sena kalendarja wara li jkun ingħata l-kunsens, sakemm it-termini ta' dak il-kunsens ma jkunux jesiġu mod ieħor;

(b) sakemm ma tasalx risposta għal talba sadanittant, kull deċiżjoni biex titwettaq l-esportazzjoni fejn ma jkunx hemm kunsens espliċitu skont il-paragrafu 7 għandha tkun għal perjodu massimu validu ta' 12-il xahar, li meta jiskadu jkun meħtieġ il-kunsens espliċitu.

Fil-każijiet imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, l-esportazzjonijiet jistgħu madankollu jkomplu wara t-tmiem tal-perjodu rilevanti fl-istennija ta' tweġiba għal talba ġdida għall-kunsens espliċitu għal perjodu addizzjonali ta' 12-il xahar.

9. L-Aġenzija għandha tirreġistra t-talbiet kollha għall-kunsens espliċitu, it-tweġibiet miksuba u deċiżjonijiet biex titwettaq l-esportazzjoni fejn ma jkunx hemm kunsens espliċitu, inkluża d-dokumentazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 7, fil-Bażi ta' Data. Kull kunsens espliċitu li jinkiseb jew deċiżjoni biex titwettaq l-esportazzjoni fejn ma jkunx hemm kunsens espliċitu għandu/ha jiġi/tiġi assenjat/a numru ta' identifikazzjoni ta' referenza u għandu/ha jiġi/tiġi elenkat bl-informazzjoni kollha rilevanti dwar kwalunkwe kondizzjoni anċillari, bħad-dati ta' validità. L-informazzjoni mhux kunfidenzjali għandha ssir disponibbli pubblikament permezz tal-Bażi ta' Data.

10. L-ebda sustanza kimika m'għandha tiġi esportata aktar tard minn sitt xhur qabel id-data meta tiskadi, fejn din id-data teżisti jew tista' tiġi kkalkolata mid-data tal-prodouzzjoni, sakemm dan ikun prattiku fid-dawl tal-kwalitajiet intrinsiċi tas-sustanza kimika. B'mod partikolari, fil-każ ta' pestiċidi, l-esportaturi għandhom jiżguraw li d-daqs u l-ippakkjar tal-kontenituri huma ottimizzati sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju li jinħoloq stokk skadut.

11. Meta jesportaw il-pestiċidi, l-esportaturi għandhom jiżguraw li t-tikketta jkun fiha informazzjoni speċifika dwar il-kondizzjonijiet tal-ħżin u l-istabilità tal-ħażna taħt il-kondizzjonijiet klimatiċi tal-Parti li timporta jew tal-pajjiż importatur ieħor. Barra minn hekk, għandhom jiżguraw li l-pestiċidi esportati jkunu konformi mal-ispeċifikazzjoni dwar is-safa stabbilita mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

*Artikolu 15*

**Esportazzjoni ta' ċerti sustanzi kimiċi u oġġetti**

1. Oġġetti għandhom ikunu soġġetti għall-proċedura tan-notifika dwar l-esportazzjoni stipulata fl-Artikolu 8 jekk ikun fihom kwalunkwe minn dan li ġej:

(a) sustanzi elenkati fil-Parti 2 jew 3 tal-Anness I f'forma li għadha ma rreaġġietx;

(b) taħlitiet li jkun fihom dawn is-sustanzi f'konċentrazzjoni li twassal għal obbligi ta' tikkettar skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ikunux preżenti jew le kwalunkwe sustanzi oħra.

▼B

2. Is-sustanzi kimiċi u l-oġġetti li l-użu tagħhom huwa pprojbit fl-Unjoni għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent, kif elenkati fl-Anness V, m'għandhomx jiġu esportati.

*Artikolu 16*

**Informazzjoni dwar movimenti ta' tranżitu**

1. Partijiet fil-Konvenzjoni li jeħtieġu informazzjoni dwar il-movimenti ta' tranżitu ta' sustanzi kimiċi soġġetti għall-proċedura PIC, flimkien ma' informazzjoni mitluba minn kull Parti fil-Konvenzjoni permezz tas-Segretarjat, għandhom ikunu kif elenkat fl-Anness VI.

2. Fejn sustanza kimika elenkata fil-Parti 3 tal-Anness I tiġi trasportata mit-territorju ta' Parti fil-Konvenzjoni elenkata fl-Anness VI, l-esportatur għandu, sa fejn prattikabbli, jipprovdi lill-awtorità nazzjonali nominata tal-Istat Membru tal-esportatur fejn huwa stabbilit bl-informazzjoni meħtieġa mill-Parti fil-Konvenzjoni skont l-Anness VI mhux aktar tard minn 30 jum qabel ma jseħħ l-ewwel moviment ta' tranżitu u mhux aktar tard minn tmint ijiem qabel kull moviment ta' tranżitu sussegwenti.

3. L-awtorità nazzjonali nominata tal-Istat Membru tal-esportatur għandha tibgħat lill-Kummissjoni u tikkopja lill-Aġenzija l-informazzjoni li tirċievi mill-esportatur skont il-paragrafu 2 flimkien ma' kull informazzjoni oħra disponibbli.

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni li tirċievi skont il-paragrafu 3 lill-awtoritajiet nazzjonali nominati tal-Partijiet fil-Konvenzjoni li talbu dik l-informazzjoni, flimkien ma' kull informazzjoni disponibbli, mhux aktar tard minn 15-il jum qabel l-ewwel tranżitu u qabel kull movement ieħor ta' tranżitu.

*Artikolu 17*

**Informazzjoni li għandha takkumpanja s-sustanzi kimiċi esportati**

1. Is-sustanzi kimiċi maħsuba għall-esportazzjoni għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet dwar l-ippakkjar u t-tikkettar stabbiliti fi, jew skont, ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, id-Direttiva 98/8/KE u r-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jew kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra rilevanti tal-Unjoni.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika sakemm dawk id-dispożizzjonijiet ma jkunux kunfliġġenti ma' xi rekwiżiti speċifiċi tal-Partijiet ta' importazzjoni jew ta' pajjiżi oħra.

2. Fejn xieraq, id-data tal-iskadenza u d-data tal-produzzjoni tas-sustanzi kimiċi msemmija fil-paragrafu 1 jew elenkati fl-Anness I għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta, u jekk meħtieġ, dawn id-dati tal-iskadenza għandhom jingħataw għal żoni klimatiċi differenti.

▼B

3. Skeda tad-data dwar is-sikurezza skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandha takkumpanja s-sustanzi kimiċi msemmija fil-paragrafu 1 meta jiġu esportati. L-esportatur għandu jibgħat din l-iskeda dwar is-sikurezza lil kull persuna fiżika jew ġuridika li timporta s-sustanza kimika f' Parti jew pajjiż ieħor.

4. L-informazzjoni fuq it-tikketta u fuq l-iskeda dwar is-sikurezza għandha safejn prattikabbli tingħata fil-lingwa/i uffiċjali, jew f'waħda jew aktar mil-lingwi prinċipali, tal-pajjiż destinatarju jew taż-żona tal-użu maħsub.

*Artikolu 18*

**Obbligi tal-awtoritajiet tal-Istati Membri għall-kontroll tal-importazzjoni u l-esportazzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtoritajiet bħall-awtoritajiet tad-dwana li jkollhom ir-responsabbiltà li jikkontrollaw l-importazzjoni u l-esportazzjoni tas-sustanzi kimiċi elenkati fl-Anness I, sakemm ma jkunx diġà għamel hekk qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni, appoġġjata mill-Aġenzija, u l-Istati Membri għandhom jaġixxu b'mod immirat u kkoordinat fil-monitoraġġ tal-konformità tal-esportaturi ma' dan ir-Regolament.

2. Il-Forum għall-Iskambju tal-Informazzjoni dwar l-Infurzar stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandu jintuża biex jikkoordina netwerk tal-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-Regolament.

3. Kull Stat Membru għandu, fir-rapporti regolari tiegħu dwar it-tħaddim tal-proċeduri skont l-Artikolu 22(1), jinkludi dettalji tal-attivitajiet tal-awtoritajiet tiegħu f'dak ir-rigward.

*Artikolu 19*

**Obbligi addizzjonali tal-esportaturi**

1. L-esportaturi tas-sustanzi kimiċi soġġetti għall-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 8(2) u (4) għandhom jipprovdu n-numri ta' identifikazzjoni ta' referenza applikabbli fid-dikjarazzjonijiet ta' esportazzjoni tagħhom (kaxxa 44 tad-Dokumenti Amministrattivi Uniċi jew element ta' dejta korrispondenti f'dikjarazzjoni elettronika tal-esportazzjoni) kif imsemmi fl-Artikolu 161(5) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

2. L-esportaturi tas-sustanzi kimiċi li bl-Artikolu 8(5) jiġu eżentati mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2 u 4 ta' dak l-Artikolu jew tas-sustanzi kimiċi li għalihom dawk l-obbligi jkunu waqfu skont l-Artikolu 8(6) għandhom jiksbu numru ta' identifikazzjoni ta' referenza speċjali billi jużaw il-Bażi ta' Data u jipprovdu dak in-numru ta' identifikazzjoni ta' referenza fid-dikjarazzjoni tagħhom tal-esportazzjoni.

▼B

3. Meta mitluba mill-Aġenzija, l-esportaturi għandhom jużaw il-Bażi ta' Data għas-sottomissjoni tal-informazzjoni meħtieġa sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 20*

**Skambju tal-informazzjoni**

1. Il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenzija, u l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw kif xieraq il-provvista ta' informazzjoni xjentifika, teknika, ekonomika u legali dwar sustanzi kimiċi soġġetti għal dan ir-Regolament, inkluża informazzjoni tossikoloġika, ekotossikoloġika u dwar is-sikurezza.

Il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Istati Membri u l-Aġenzija kif meħtieġ, għandha tiżgura kif xieraq dan li ġej:

(a) il-provvediment ta' informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku dwar azzjonijiet regolatorji rilevanti għall-għanijiet fil-Konvenzjoni;

(b) il-provvediment ta' informazzjoni għall-Partijiet u pajjiżi oħra direttament jew permezz tas-Segretarjat dwar dawk l-azzjonijiet li sostanzjalment jirrestrinġu użu wieħed jew aktar ta' sustanza kimika.

2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom iħarsu l-informazzjoni kunfidenzjali li jirċievu minn Parti jew pajjiż ieħor kif miftiehem reċiprokament.

3. Fir-rigward tat-trażmissjoni ta' informazzjoni skont dan ir-Regolament, u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali ([1]), tal-anqas l-informazzjoni li ġejja m'għandhiex titqies bħala kunfidenzjali:

(a) l-informazzjoni speċifikata fl-Anness II u fl-Anness IV;

(b) l-informazzjoni li tinsab fl-iskedi tad-dejta tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 17(3);

(c) id-data tal-iskadenza ta' sustanza kimika;

(d) id-data tal-produzzjoni ta' sustanza kimika;

(e) informazzjoni dwar miżuri prekawzjonali, inklużi l-klassifikazzjoni skont il-periklu, in-natura tar-riskju u l-avviż rilevanti ta' sikurezza;

([1]) ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26.

▼B

(f) ir-riżultati fil-qosor tat-testijet tossikoloġiċi u ekotossikoloġiċi;

(g) informazzjoni dwar l-immaniġġjar tal-ippakkjar wara li jkunu tneħħew is-sustanzi kimiċi.

4. Kumpilazzjoni tal-informazzjoni trażmessa għandha titħejja kull sentejn mill-Aġenzija.

*Artikolu 21*

**L-assistenza teknika**

Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali nominati tal-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom, filwaqt li jqisu partikolarment il-ħtiġijiet tal-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u pajjiżi b'ekonomiji fi tranżizzjoni, jikkooperaw fil-promozzjoni tal-għajnuna teknika, inkluż it-taħriġ, għall-iżvilupp tal-infrastruttura, il-kapaċità u l-ħila meħtieġa għall-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi matul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom.

B'mod partikolari u bl-iskop li dawk il-pajjiżi jkunu jistgħu jimplimentaw il-Konvenzjoni, l-għajnuna teknika għandha tiġi promossa bil-provvista ta' informazzjoni teknika dwar is-sustanzi kimiċi, bil-promozzjoni tal-iskambju tal-esperti, l-appoġġ għall-istabbiliment jew iż-żamma tal-awtoritajiet nazzjonali nominati u bil-provvista ta' għarfien tekniku espert għall-identifikazzjoni ta' formolazzjonijiet ta' pestiċidi perikoluż u għall-preparazzjoni ta' notifiki lis-Segretarjat.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu sehem attiv fl-attivitajiet internazzjonali ta' bini tal-kapaċità fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi, billi jipprovdu informazzjoni dwar il-proġetti li qed jappoġġaw jew jiffinanzjaw sabiex itejbu l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u pajjiżi b'ekonomiji fi tranżizzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ukoll jikkunsidraw li jappoġġaw organizzazzjonijiet mhux governattivi.

*Artikolu 22*

**Monitoraġġ u rappurtar**

1. Kull tliet snin, l-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni informazzjoni dwar it-tħaddim tal-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament, inklużi kontrolli tad-dwana, ksur, penalitajiet u azzjoni ta' rimedju, kif xieraq. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi minn qabel format komuni għar-rappurtar. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 27(2).

2. Kull tliet snin, il-Kummissjoni għandha tiġbor rapport dwar il-qadi tal-funzjonijiet provduti f'dan ir-Regolament li hija responsabbli għalihom u għandha tinkorporah f'rapport ta' sinteżi li jintegra l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u l-Aġenzija taħt il-paragrafu 1. Taqsira ta' dak ir-rapport, li għandha tiġi ppubblikata fuq l-Internet, għandha tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

▼B

3. Fir-rigward tal-informazzjoni provduta skont il-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni, l-Istati Membri, u l-Aġenzija għandhom josservaw l-obbligi rilevanti biex iħarsu l-kunfidenzjalità u s-sjieda tad-dejta.

*Artikolu 23*

**Aġġornament tal-Annessi**

1. Il-lista tas-sustanzi kimiċi fl-Anness I għandha tiġi riveduta mill-Kummissjoni għall-inqas darba kull sena, abbażi tal-iżviluppi fil-liġi tal-Unjoni u taħt il-Konvenzjoni.

2. Sabiex jiġi determinat jekk azzjoni regolatorja finali fil-livell tal-Unjoni tikkostitwix projbizzjoni jew trażżin strett, l-effett tal-azzjoni għandu jiġi evalwat fil-livell tas-sottokategoriji fi ħdan il-kategoriji "pestiċidi" u "sustanzi kimiċi industrijali". Jekk l-azzjoni regolatorja finali tipprojbixxi jew trażżan strettament l-użu ta' sustanza kimika f'waħda mis-sottokategoriji, għandha tiġi inkluża f'Parti 1 tal-Anness I.

Sabiex jiġi determinat jekk azzjoni regolatorja finali fil-livell tal-Unjoni tikkostitwix projbizzjoni jew trażżin strett, b'tali mod li s-sustanza kimika kkonċernata tikkwalifika għan-notifika tal-PIC skont l-Artikolu 11, l-effett ta' dik l-azzjoni għandu jiġi evalwat fil-livell tal-kategoriji "pestiċidi" u "sustanzi kimiċi industrijali". Jekk l-azzjoni regolatorja finali tipprojbixxi jew trażżan strettament sustanza kimika f'waħda mill-kategoriji, għandha wkoll tiġi inkluża f'Parti 2 tal-Anness I.

3. Id-deċiżjoni biex jiġu inklużi s-sustanzi kimiċi fl-Anness I, jew biex tiġi modifikata l-entrata tagħhom fejn xieraq, għandha tittieħed mingħajr dewmien żejjed.

4. Sabiex dan ir-Regolament jiġi adattat għall-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 26 rigward il-miżuri li ġejjin:

(a) inklużjoni ta' sustanza kimika fil-Partijiet 1 jew 2 tal-Anness I skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu wara l-azzjoni regolatorja finali fil-livell tal-Unjoni, u l-emendi oħrajn tal-Anness I, inkluż modifiki għall-entrati eżistenti;

(b) inklużjoni ta' sustanza kimika li hija soġġetta għar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropewu tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti ([1]) fil-Parti 1 tal-Anness V;

(c) inklużjoni ta' sustanzi kimiċi li diġà huma soġġetti għal projbizzjoni ta' esportazzjoni fuq il-livell tal-Unjoni fil-Parti 2 tal-Anness V;

(d) modifiki fl-entrati eżistenti fl-Anness V;

(e) emendi tal-Annessi II, III, IV u VI.

([1]) OJ L 158, 30.4.2004, p. 7.

▼B

*Artikolu 24*

**Il-baġit tal-Aġenzija**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-dħul tal-Aġenzija għandu jikkonsisti minn:

(a) sussidju mill-Unjoni, li jiddaħħal fil-baġit ġenerali tal-Unjoni (It-Taqsima tal-Kummissjoni);

(b) kwalunkwe kontribut volontarju mill-Istati Membri.

2. Id-dħul u n-nefqa għall-attivitajiet skont dan ir-Regolament u dawk relatati mal-attivitajiet skont Regolamenti oħra għandhom jitqiesu separatament, permezz ta' taqsimiet differenti fil-baġit tal-Aġenzija.

Id-dħul tal-Aġenzija msemmi fil-paragrafu 1 għandu jintuża biex twettaq il-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha teżamina jekk huwiex xieraq li l-Aġenzija titlob tariffa għas-servizzi li tipprovdi lill-esportaturi fi żmien ħames snin mill-1 ta' Marzu 2014 u, jekk meħtieġ, tissottometti proposta rilevanti.

*Artikolu 25*

**Formati u softwer għas-sottomissjoni tal-informazzjoni lill-Aġenzija**

L-Aġenzija għandha tispeċifika formati u pakketti ta' softwer u tagħmilhom disponibbli mingħajr ħlas fil-websajt tagħha għal kwalunkwe sottomissjoni ta' informazzjoni lill-Aġenzija. L-Istati Membri u partijiet oħra soġġetti għal dan ir-Regolament għandhom jużaw dawn il-formati u pakketti fis-sottomissjonijiet tagħhom lill-Aġenzija skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 26*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 23(4) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Marzu 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 23(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

▼B

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 23(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' [xahrejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b' [xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 27*

**Il-proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 28*

**Penali**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar is-sanzjonijiet li jgħoddu għall-vjolazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw implimentazzjoni korretta ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Is-sanzjonijiet pprovduti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Jekk ma jkunux diġà għamlu dan qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu 2014 u għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

*Artikolu 29*

**Perjodu tranżitorju dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-ippakkjar tas-sustanzi kimiċi**

Referenzi f'dan ir-Regolament għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għandhom jiġu interpretati, meta jkun xieraq, bħala referenzi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tapplika skont l-Artikolu 61 ta' dak ir-Regolament u skont l-iskeda ta' żmien stipulata fih.

*Artikolu 30*

**Revoka**

Ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 għandu jiġi revokat b'effett mill-1 ta' Marzu 2014.

Ir-referenzi għar-Regolament (KE) Nru 689/2008 għandhom jiftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VII.

▼B

*Artikolu 31*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Marzu 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS I*

## LISTA TA' SUSTANZI KIMIĊI

*(imsemmija fl-Artikolu 7)*

PARTI 1

### Lista ta' sustanzi kimiċi li huma soġġetti għall-proċedura ta' notifika tal-esportazzjoni

*(imsemmija fl-Artikolu 8)*

Wieħed għandu jinnota li fejn sustanzi kimiċi elenkati f'din il-parti tal-Anness ikunu soġġetti għall-proċedura tal-PIC, l-obbligi tan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni stipulati fl-Artikolu 8(2), (3) u (4) m'għandhomx japplikaw bil-kundizzjoni li l-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(6) ikunu ġew ssodisfati. Dawn is-sustanzi kimiċi, li huma identifikati permezz tas-simbolu "#" fil-lista hawn isfel, huma elenkati darb'oħra fil-Parti 3 ta' dan l-Anness għall-faċilitazzjoni tar-referenza.

Wieħed għandu jinnota wkoll li fejn is-sustanzi kimiċi elenkati f'din il-parti tal-Anness jikkwalifikaw għan-notifika tal-PIC minħabba n-natura tal-azzjoni regolatorja finali tal-Unjoni, dawn is-sustanzi kimiċi huma wkoll elenkati fil-Parti 2 tal-Anness. Dawn is-sustanzi kimiċi huma identifikati bis-simbolu "+" fil-lista hawn isfel.

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ▼M2 | | | | | | |
| 1,1-Dikloroeten | 75-35-4 | 200-864-0 | ex 2903 29 00 | i(2) | sr | |
| ▼B | | | | | | |
| 1,1,1-Trikloroetan | 71-55-6 | 200-756-3 | 2903 19 10 | i(2) | b | |
| ▼M2 | | | | | | |
| 1,1,2-Trikloroetan | 79-00-5 | 201-166-9 | ex 2903 19 80 | i(2) | sr | |
| 1,1,1,2-Tetrakloroetan | 630-20-6 | 211-135-1 | ex 2903 19 80 | i(2) | sr | |
| 1,1,2,2-Tetrakloroetan | 79-34-5 | 201-197-8 | ex 2903 19 80 | i(2) | sr | |

▼B

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1,2-Dibrometan (Dibromidu tal-etilina) (#) | 106-93-4 | 203-444-5 | 2903 31 00 | p(1)-p(2) | b-b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| 1,2-Dikloroetan (Dikloridu tal-etilina) (#) | 107-06-2 | 203-458-1 | 2903 15 00 | p(1)-p(2)<br>i(2) | b-b<br>b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| Cis-1,3-dikloropropen ((1Z)-1,3-dikloroprop-1-ene) | 10061-01-5 | 233-195-8 | 2903 29 00 | p(1)-p(2) | b-b | |
| 1,3-dikloropropen (1) (+) | 542-75-6 | 208-826-5 | 2903 29 00 | p(1) | b | |
| 2-amminobutan | 13952-84-6 | 237-732-7 | 2921 19 80 | p(1)-p(2) | b-b | |
| 2-Naftilamina (naftalen-2-amina) u l-imluħ + tiegħu (+) | 91-59-8, 553-00-4, 612-52-2 u oħrajn | 202-080-4, 209-030-0, 210-313-6 u oħrajn | 2921 45 00 | i(1)<br>i(2) | b<br>b | |
| 2-Naphthyloxyacetic acid | 120-23-0 | 204-380-0 | 2918 99 90 | p(1) | b | |
| 2,4,5-T u l-imluħ u l-esteri tiegħu (#) | 93-76-5 u oħrajn | 202-273-3 u oħrajn | 2918 91 00 | p(1)-p(2) | b-b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| ▼M3<br>3-deken-2-on (+) | 10519-33-2 | 234-059-0 | ex 2914 19 90 | p(1) | b | |
| ▼B<br>4-Aminobifenil (biphenyl-4-amine) u l-imluħ + tiegħu (+) | 92-67-1, 2113-61-3 u oħrajn | 202-177-1 u oħrajn | 2921 49 80 | i(1)<br>i(2) | b<br>b | |
| 4-Nitrobifenil (+) | 92-93-3 | 202-204-7 | 2904 20 00 | i(1)<br>i(2) | b<br>b | |
| ▼M3<br>5-tert-butil-2,4,6-trinitro-m-ksilen (+) | 81-15-2 | 201-329-4 | ex 2904 20 00 | i(1) - i(2) | sr | |
| ▼B<br>Aċefat (+) | 30560-19-1 | 250-241-2 | 2930 90 85 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Aċifluworfen | 50594-66-6 | 256-634-5 | 2916 39 00 | p(1)-p(2) | b-b | |

▼B

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ▼M5 | | | | | | |
| Acetochlor (+) | 34256-82-1 | 251-899-3 | ex 2924 29 70 | p(1) | b | |
| Alachlor (#) | 15972-60-8 | 240-110-8 | ex 2924 25 00 | p(1) | b | |
| Aldicarb (#) | 116-06-3 | 204-123-2 | ex 2930 80 00 | p(1)-p(2) | b-b | |
| ▼B | | | | | | |
| Ametrin | 834-12-8 | 212-634-7 | 2933 69 80 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Amitraz (+) | 33089-61-1 | 251-375-4 | 2925 29 00 | p(1)-p(2) | b-b | |
| ▼M4 | | | | | | |
| Amitrol (+) | 61-82-5 | 200-521-5 | ex 2933 99 80 | p(1) | b | |
| ▼B | | | | | | |
| Anthraquinone (+) | 84-65-1 | 201-549-0 | 2914 61 00 | p(1)-p(2) | b-b | |
| ▼M5 | | | | | | |
| Asulam (+) | 3337-71-1<br>2302-17-2 | 222-077-1<br>218-953-8 | ex 2935 90 90 | p(1) | b | |
| ▼B | | | | | | |
| Komposti tal-arseniku | | | | p(2) | sr | |
| Fibri tal-asbestos (+): | 1332-21-4 u oħrajn | | | | | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| Crocidolite (#) | 12001-28-4 | | 2524 10 00 | i | b | |
| Amosite (#) | 12172-73-5 | | 2524 90 00 | i | b | |
| Antophyllite (#) | 77536-67-5 | | 2524 90 00 | i | b | |
| Actinolite (#) | 77536-66-4 | | 2524 90 00 | i | b | |
| Tremolite (#) | 77536-68-6 | | 2524 90 00 | i | b | |
| Chrysotile (+) | 12001-29-5 jew 132207-32-0 | | 2524 90 00 | i | b | |
| Atrazine (+) | 1912-24-9 | 217-617-8 | 2933 69 10 | p(1) | b | |
|Ażinfos-etil | 2642-71-9 | 220-147-6 | 2933 99 90 | p(1)-p(2) | b-b | |

▼B

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ▼M1 | | | | | | |
| Ażinfos-metil (#) | 86-50-0 | 201-676-1 | 2933 99 80 | p(1) | b | |
| Ażoċiklotina (+) | 41083-11-8 | 255-209-1 | 2933 99 80 | p(1) | b | |
| ▼B | | | | | | |
| Benfurakarb (+) | 82560-54-1 | | 2932 99 00 | p(1) | b | |
| Bensultap | 17606-31-4 | | 2930 90 85 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Benżen (3) | 71-43-2 | 200-753-7 | 2902 20 00 | i(2) | sr | |
| Benzidine u l-imluħ + tiegħu (+)<br>Derivati tal-benzidine (+) | 92-87-5, 36341-27-2 u oħrajn | 202-199-1, 252-984-8 u oħrajn | 2921 59 90 | i(1)-i(2)<br>i(2) | sr-b<br>b | |
| | | | | | | |
| ▼M3 | | | | | | |
| Benżilbutilftalat (+) | 85-68-7 | 201-622-7 | ex 2917 34 00 | i(1) - i(2) | sr | |
| ▼M4 | | | | | | |
| Betaċipermetrin (+) | 65731-84-2 | 265-898-0 | ex 2926 90 70 | p(1) | b | |
| ▼M5 | | | | | | |
| ▼B | | | | | | |
| Binapacryl (#) | 485-31-4 | 207-612-9 | 2916 19 50 | p(1)-p(2)<br>i(2) | b-b<br>b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| ▼M1 | | | | | | |
| Bitertanol (+) | 55179-31-2 | 259-513-5 | 2933 99 80 | p(1) | b | |
| ▼B | | | | | | |
| Butralin (+) | 33629-47-9 | 251-607-4 | 2921 49 00 | p(1) | b | |

▼B

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-kadmju u l-komposti tiegħu | 7440-43-9 u oħrajn | 231-152-8 u oħrajn | 8107<br>3206 49 30 u oħrajn | i(1) | sr | |
| Kadusafos (+) | 95465-99-9 | n.a. | 2930 90 85 | p(1) | b | |
| Kalċiferol | 50-14-6 | 200-014-9 | 2936 29 90 | p(1) | b | |
| Kaptafol (#) | 2425-06-1 | 219-363-3 | 2930 50 00 | p(1)-p(2) | b-b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| Karbaril (+) | 63-25-2 | 200-555-0 | 2924 29 95 | p(1)-p(2) | b–b | |
| ▼M3<br>Karbendażim | 10605-21-7 | 234-232-0 | ex 2933 99 80 | p(1) | b | |
| ▼M4<br>Karbofuran (#) | 1563-66-2 | 216-353-0 | ex 2932 99 00 | p(1) | b | |
| ▼B<br>Tetraklorur tal-karbonju | 56-23-5 | 200-262-8 | 2903 14 00 | i(2) | b | |
| Karbosulfan (+) | 55285-14-8 | 259-565-9 | 2932 99 85 | p(1) | b | |
| Kartap | 15263-53-3 | | 2930 20 00 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Ċinometijonat | 2439-01-2 | 219-455-3 | 2934 99 90 | p(1)-p(2) | b-b | |

▼B

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ▼M1 | | | | | | |
| Klorat (+) | 7775-09-9<br>10137-74-3<br>7783-92-8<br>u oħrajn | 231-887-4<br>233-378-2<br>232-034-9 | 2829 11 00<br>2829 19 00<br>2843 29 00 | p(1) | b | |
| ▼B | | | | | | |
| Klordimeform (#) | 6164-98-3 | 228-200-5 | 2925 21 00 | p(1)-p(2) | b-b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| Klorfenapir (+) | 122453-73-0 | | 2933 99 90 | p(1) | b | |
| Klorfenvinfos | 470-90-6 | 207-432-0 | 2919 90 90 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Klormefos | 24934-91-6 | 246-538-1 | 2930 90 85 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Klorobenżilat (#) | 510-15-6 | 208-110-2 | 2918 18 00 | p(1)-p(2) | b-b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| Kloroform | 67-66-3 | 200-663-8 | 2903 13 00 | i(2) | b | |
| Klortal-dimetil (+) | 1861-32-1 | 217-464-7 | 2917 39 95 | p(1) | b | |
| ▼M5 | | | | | | |
| Chloropicrin (+) | 76-06-2 | 200-930-9 | ex 2904 91 00 | p(1) | b | |
| ▼B | | | | | | |
| Chlozolinate (+) | 84332-86-5 | 282-714-4 | 2934 99 90 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Kolekalċiferol | 67-97-0 | 200-673-2 | 2936 29 90 | p(1) | b | |
| ▼M1 | | | | | | |
| Ċinidon-etil (+) | 142891-20-1 | n.a. | 2925 19 95 | p(1) | b | |

▼B

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Kumafuril | 117-52-2 | 204-195-5 | 2932 29 85 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Kreożot u sustanzi relatati mal-kreożot | 8001-58-9 | 232-287-5 | 2707 91 00 | | | |
| | 61789-28-4 | 263-047-8 | | | | |
| | 84650-04-4 | 283-484-8 | 3807 00 90 | | | |
| | 90640-84-9 | 292-605-3 | | | | |
| | 65996-91-0 | 266-026-1 | | i(2) | b | |
| | 90640-80-5 | 292-602-7 | | | | |
| | 65996-85-2 | 266-019-3 | | | | |
| | 8021-39-4 | 232-419-1 | | | | |
| | 122384-78-5 | 310-191-5 | | | | |
| Krimidina | 535-89-7 | 208-622-6 | 2933 59 95 | p(1) | b | |
| Ċjanammid (+) | 420-04-2 | 206-992-3 | 2853 00 90 | p(1) | b | |
| Ċjanażina | 21725-46-2 | 244-544-9 | 2933 69 80 | p(1)-p(2) | b-b | |
| ▼M3 | | | | | | |
| Ċibutrin (+) | 28159-98-0 | 248-872-3 | ex 2933 69 80 | p(2) | b | |
| ▼M1 | | | | | | |
| Ċiklanilid (+) | 113136-77-9 | 419-150-7 | 2924 29 98 | p(1) | b | |
| Ċiflutrina | 68359-37-5 | 269-855-7 | 2926 90 95 | p(1) | b | |
| ▼B | | | | | | |
| Ċjalotrina | 68085-85-8 | 268-450-2 | 2926 90 95 | p(1) | b | |

▼B

| | Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ▼M1 | Ċieksatina (+) | 13121-70-5 | 236-049-1 | 2931 90 90 | p(1) | b | |
| ▼M2 | Komposti taċ-Ċomb | 598-63-0<br>1319-46-6<br>7446-14-2<br>7784-40-9<br>7758-97-6<br>1344-37-2<br>25808-74-6<br>13424-46-9<br>301-04-2<br>7446-27-7<br>15245-44-0<br>u oħrajn | 209-943-4<br>215-290-6<br>231-198-9<br>232-064-2<br>231-846-0<br>215-693-7<br>247-278-1<br>236-542-1<br>206-104-4<br>231-205-5<br>239-290-0<br>u oħrajn | ex 2836 99 17<br>ex 3206 49 70<br>ex 2833 29 60<br>ex 2842 90 80<br>ex 2841 50 00<br>ex 3206 20 00<br>ex 2826 90 80<br>ex 2850 00 60<br>ex 2915 29 00<br>ex 2835 29 90<br>ex 2908 99 00 | i(2) | sr | |
| ▼B | DBB (Di-μ-oxo-di-n-butylstannio-hydroxyborane/dioxastannaboretan-4-ol) | 75113-37-0 | 401-040-5 | 2931 00 95 | i(1) | b | |
| | Diażinon (+) | 333-41-5 | 206-373-8 | 2933 59 10 | p(1) | b | |
| ▼M2 | Komposti tat-Dibutiltin | 683-18-1<br>77-58-7<br>1067-33-0<br>u oħrajn | 211-670-0<br>201-039-8<br>213-928-8<br>u oħrajn | ex 2931 90 80 | i(2) | sr | |
| | Komposti tat-Dijottiltin | 3542-36-7<br>870-08-6<br>16091-18-2<br>u oħrajn | 222-583-2<br>212-791-1<br>240-253-6<br>u oħrajn | ex 2931 90 80 | i(2) | sr | |
| ▼M3 | Ftalat tad-diisobutil (+) | 84-69-5 | 201-553-2 | ex 2917 34 00 | i(1) - i(2) | sr | |
| ▼M5 | Dichlorvos (+) | 62-73-7 | 200-547-7 | ex 2919 90 00 | p(1)-p(2) | b-b | |

▼B

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Dikloran (+) | 99-30-9 | 202-746-4 | 2921 42 00 | p(1) | b | |
| Diklorvos (+) | 62-73-7 | 200-547-7 | 2919 90 90 | p(1) | b | |
| Dikofol (+) | 115-32-2 | 204-082-0 | 2906 29 00 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Dikofol li fih < 78 % p, p′-Dikofol jew 1 g/kg ta' DDT u komposti relatati + mad-DDT (+) | 115-32-2 | 204-082-0 | 2906 29 00 | p(1)-p(2) | b-b | |
| ▼M1 | | | | | | |
| Klorur tad-dideċildimetilammonju | 7173-51-5 | 230-525-2 | 2923 90 00 | p(1) | b | |
| ▼B | | | | | | |
| Dimetenammid (+) | 87674-68-8 | n.a. | 2934 99 90 | p(1) | b | |
| Dinikonażol-M (+) | 83657-18-5 | n.a. | 2933 99 80 | p(1) | b | |
| Dinitro-orto-kresol (DNOC) u l-imluħ tiegħu (bħalma huma l-imluħ tal-ammonju, tal-potassju u tas-sodju) (#) | 534-52-1<br>2980-64-5<br>5787-96-2<br>2312-76-7 | 208-601-1<br>221-037-0<br>—<br>219-007-7 | 2908 99 90 | p(1)-p(2) | b-b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| Dinobuton | 973-21-7 | 213-546-1 | 2920 90 10 | p(1)-p(2) | b-b | |

▼B

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Dinoseb u l-imluħ u l-esteri tiegħu (#) | 88-85-7 u oħrajn | 201-861-7 u oħrajn | 2908 91 00<br>2915 36 00 | p(1)-p(2)<br>i(2) | b-b<br>b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| Dinoterb (+) | 1420-07-1 | 215-813-8 | 2908 99 90 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Difenilammina | 122-39-4 | 204-539-4 | 2921 44 00 | p(1) | b | |
| ▼M4<br>DPX KE 459 (flupirsulfuron-metil) (+) | 150315-10-9<br>144740-54-5 | ma japplikax | ex 2935 90 90 | p(1) | b | |
| ▼B<br>Formulazzjonijiet ta' trab frijabbli li fihom kombinazzjoni ta': | | | 3808 99 90 | | | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| Benomyl 7 % jew iktar | 17804-35-2 | 241-775-7 | 2933 99 90 | p(1) | b | |
| Carbofuran 10 % jew iktar | 1563-66-2 | 216-353-0 | 2932 99 85 | p(2) | b | |
| u 15 % ta' Thiram jew iktar (#) | 137-26-8 | 205-286-2 | 2930 30 00 | | | |
| ▼M2<br>_____ | | | | | | |
| ▼B<br>Etalfluralin (+) | 55283-68-6 | 259-564-3 | 2921 43 00 | p(1) | b | |
| Etjon | 563-12-2 | 209-242-3 | 2930 90 85 | p(1)-p(2) | b-b | |
| ▼M1<br>Etoksisulfuron (+) | 126801-58-9 | n.a. | 2933 59 95 | p(1) | b | |
| ▼B<br>Ethoxyquin (+) | 91-53-2 | 202-075-7 | 2933 49 90 | p(1) | b | |
| Ossidu tal-etilena (Oxirane) (#) | 75-21-8 | 200-849-9 | 2910 10 00 | p(1) | b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |

▼B

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Fenarimol (+) | 60168-88-9 | 262-095-7 | 2933 59 95 | p(1) | b | |
| ▼M2 Ossidu tal-fenbutatin | 13356-08-6 | 236-407-7 | ex 2931 90 80 | p(1) | b | |
| ▼B Fenitrotijon (+) | 122-14-5 | 204-524-2 | 2920 19 00 | p(1) | b | |
| Fenpropatrina | 39515-41-8 | 254-485-0 | 2926 90 95 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Fentijon (+) | 55-38-9 | 200-231-9 | 2930 90 85 | p(1) | sr | |
| Aċetat tal-fentin (+) | 900-95-8 | 212-984-0 | 2931 00 95 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Idrossidu tal-fentin (+) | 76-87-9 | 200-990-6 | 2931 00 95 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Fenvalerat | 51630-58-1 | 257-326-3 | 2926 90 95 | p(1) | b | |
| Ferbam | 14484-64-1 | 238-484-2 | 2930 20 00 | p(1)-p(2) | b-b | |
| ▼M4 Fipronil (+) | 120068-37-3 | ma japplikax | ex 2933 19 90 | p(1) | b | |
| ▼B Fluworoaċetammid (#) | 640-19-7 | 211-363-1 | 2924 12 00 | p(1) | b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| Flurenol | 467-69-6 | 207-397-1 | 2918 19 85 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Flurprimidol (+) | 56425-91-3 | n.a. | 2933 59 95 | p(1) | b | |
| Furatijokarb | 65907-30-4 | 265-974-3 | 2932 99 85 | p(1)-p(2) | b-b | |

▼B

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Guazatine (+) | 108173-90-6<br>115044-19-4 | 236-855-3 | 3808 99 90 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Eżakloroetan | 67-72-1 | 200-666-4 | 2903 19 80 | i(1) | sr | |
| Eżażinon | 51235-04-2 | 257-074-4 | 2933 69 80 | p(1)-p(2) | b-b | |
| ▼M5<br>Flufenoxuron (+) | 101463-69-8 | 417-680-3 | ex 2924 21 00 | p(1)-p(2) | b-sr | |
| ▼B<br>Iminottadina | 13516-27-3 | 236-855-3 | 2925 29 00 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Aċidu indolaċetiku (+) | 87-51-4 | 201-748-2 | 2933 99 80 | p(1) | b | |
| ▼M4<br>Iprodion (+) | 36734-19-7 | 253-178-9 | ex 2933 21 00 | p(1) | b | |
| Isoproturon (+) | 34123-59-6 | 251-835-4 | ex 2924 21 00 | p(1) | b | |
| ▼B<br>Isossatijon | 18854-01-8 | 242-624-8 | 2934 99 90 | p(1) | b | |
| ▼M4<br>Linuron (+) | 330-55-2 | 206-356-5 | ex 2928 00 90 | p(1) | b | |
| ▼B<br>Malatijon | 121-75-5 | 204-497-7 | 2930 90 99 | p(2) | b | |
| (a) Idrażidu malejku u l-imluħ tiegħu, bl-eċċezzjoni tal-imluħ tal-kolin, tal-potassju u tas-sodju | 123-33-1 | 204-619-9 | 2933 99 90 | p(1) | b | |
| (b) Imluħ tal-kolin, tal-potassju u tas-sodju tal-idrażidu malejku li fihom iktar minn 1 mg/kg ta' hydrazine ħieles espress fuq il-bażi tal-ekwivalenza aċida | 61167-10-0, 51542-52-0, 28330-26-9 | 257-261-0, 248-972-7 | 2933 99 90 | | | |

▼B

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Komposti tal-merkurju, li jinkludu komposti inorganiċi tal-merkurju, il-komposti alkili tal-merkurju u l-komposti alkilossialkil u arili tal-merkurju għajr il-komposti tal-merkurju elenkati fl-Anness V (#) | 62-38-4, 26545-49-3 u oħrajn | 200-532-5, 247-783-7 u oħrajn | 2852 00 00 | p(1)-p(2) | b-b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| ▼M4 | | | | | | |
| Maneb (+) | 12427-38-2 | 235-654-8 | ex 3824 99 93 | p(1)-p(2) | b-b | |
| ▼M5 | | | | | | |
| _____ | | | | | | |
| ▼M3 | | | | | | |
| Metamidofos (#) | 10265-92-6 | 233-606-0 | ex 2930 80 00 | p(1) | b | |
| _____ | | | | | | |
| ▼B | | | | | | |
| Metidatjon | 950-37-8 | 213-449-4 | 2934 99 90 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Metomil | 16752-77-5 | 240-815-0 | 2930 90 99 | p(2) | b | |
| Methyl bromide (+) | 74-83-9 | 200-813-2 | 2903 39 11 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Metil-paratijon (+) (#) | 298-00-0 | 206-050-1 | 2920 11 00 | p(1)-p(2) | b-b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| Metossuron | 19937-59-8 | 243-433-2 | 2924 21 90 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Monokrotofos (#) | 6923-22-4 | 230-042-7 | 2924 12 00 | p(1)-p(2) | b-b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| Monolinuron | 1746-81-2 | 217-129-5 | 2928 00 90 | p(1) | b | |
| Metan tal-monometil-dibromo-difenil<br>Isem kummerċjali: DBBT (+) | 99688-47-8 | 402-210-1 | 2903 69 90 | i(1) | b | |
| Metan tal-Monometil-Dikloro-Difenil;<br>Isem kummerċjali: Ugilec 121 jew Ugilec 21 (+) | — | 400-140-6 | 2903 69 90 | i(1)-i(2) | b-b | |

▼B

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Metan tal-Monometil-Tetraklorodifenil;<br>Isem kummerċjali: Ugilec 141 (+) | 76253-60-6 | 278-404-3 | 2903 69 90 | i(1)-i(2) | b-b | |
| Monuron | 150-68-5 | 205-766-1 | 2924 21 90 | p(1) | b | |
| ▼M5 | | | | | | |
| Naled (+) | 300-76-5 | 206-098-3 | ex 2919 90 00 | p(1)-p(2) | b-b | |
| ▼B | | | | | | |
| Nikotina (+) | 54-11-5 | 200-193-3 | 2939 99 00 | p(1) | b | |
| Nitrofen (+) | 1836-75-5 | 217-406-0 | 2909 30 90 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Nonilfenoli $C_6H_4(OH)C_9H_{19}$ (+) | 25154-52-3 (fenol, nonil-),<br>84852-15-3 (fenol, 4-nonil-, bil-friegħi)<br>11066-49-2 (isononilfenol),<br>90481-04-2, (fenol, nonil-, bil-friegħi),<br>104-40-5(p-nonilfenol) u oħrajn | 246-672-0<br>284-325-5<br>234-284-4<br>291-844-0<br>203-199-4 u oħrajn | 2907 13 00 | i(1) | sr | |
| Nonylphenol ethoxylates $(C_2H_4O)_nC_{15}H_{24}O$ (+) | 9016-45-9, 26027-38-3, 68412-54-4, 37205-87-1, 127087-87-0 u oħrajn | | 3402 13 00 | i(1)<br>p(1)-p(2) | sr<br>b-b | |
| Etere tal-ottabromodifenil (+) | 32536-52-0 | 251-087-9 | 2909 30 38 | i(1) | sr | |
| Ometoat | 1113-02-6 | 214-197-8 | 2930 90 85 | p(1)-p(2) | b-b | |
| ▼M4 | | | | | | |
| Ortosulfamuron (+) | 213464-77-8 | ma japplikax | ex 2933 59 95 | p(1) | b | |
| ▼M1 | | | | | | |
| Oksadiarġil (+) | 39807-15-3 | 254-637-6 | 2934 99 90 | p(1) | b | |

▼B

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ossidemeton-metil (+) | 301-12-2 | 206-110-7 | 2930 90 85 | p(1) | b | |
| Parakwat (+) | 4685-14-7<br>1910-42-5<br>2074-50-2 | 225-141-7<br>217-615-7<br>218-196-3 | 2933 39 99 | p(1) | b | |
| Paratijon (#) | 56-38-2 | 200-271-7 | 2920 11 00 | p(1)-p(2) | b-b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| Pebulat | 1114-71-2 | 214-215-4 | 2930 20 00 | p(1)-p(2) | b-b | |
| ▼M2<br>Pentakloroetan | 76-01-7 | 200-925-1 | ex 2903 19 80 | i(2) | sr | |
| ▼B<br>Pentaklorofenol u l-imluħ u l-esteri tiegħu (#) | 87-86-5 u oħrajn | 201-778-6 u oħrajn | 2908 11 00<br>2908 19 00 u oħrajn | p(1)-p(2) | b-sr | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| ▼M3<br>Pentaossidu tad-diarseniku (+) | 1303-28-2 | 215-116-9 | ex 2811 29 90 | i(1) - i(2) | sr | |
| ▼M1<br>Sulfonati tal-perfluworoottan (PFOS) C8F17SO2X (X = OH, Melħ tal-metall (O-M+), alid, ammid, u derivattivi oħra li jinkludu l-polimeri) (+)/ (#) | 1763-23-1<br>2795-39-3<br>70225-14-8<br>56773-42-3<br>4151-50-2<br>57589-85-2<br>68081-83-4<br>u oħrajn | 217-179-8<br>220-527-1<br>274-460-8<br>260-375-3<br>223-980-3<br>260-837-4<br>268-357-7 | 2904 90 95<br>2904 90 95<br>2922 12 00<br>2923 90 00<br>2935 00 90<br>2924 29 98<br>3824 90 97 | i(1) | sr | |
| ▼B<br>Permetrina | 52645-53-1 | 258-067-9 | 2916 20 00 | p(1) | b | |
| Fosalon (+) | 2310-17-0 | 218-996-2 | 2934 99 90 | p(1) | b | |

▼B

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Phosphamidon (formulazzjonijiet tas-sustanza li jinħallu li jeċċedu l-1 000 g tal-ingredjent attiv/l) (#) | 13171-21-6 (taħlita, (E)&(Z) iżomeri)<br>23783-98-4 ((Z)-iżomer)<br>297-99-4 ((E)-iżomer) | 236-116-5 | 2924 12 00<br>3808 50 00 | p(1)-p(2) | b-b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| ▼M4 | | | | | | |
| Pikossistrobin (+) | 117428-22-5 | ma japplikax | ex 2933 39 99 | p(1) | b | |
| ▼B | | | | | | |
| Bifenili polibrominati (PBB) għajr l-eżabromobifenil (#) | 13654-09-6, 27858-07-7 u oħrajn | 237-137-2, 248-696-7 u oħrajn | 2903 69 90 | i(1) | sr | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| Terfenili poliklorinati (PCT) (#) | 61788-33-8 | 262-968-2 | 2903 69 90 | i(1) | b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkulari PIC fuq www.pic.int/ |
| Proċmidon (+) | 32809-16-8 | 251-233-1 | 2925 19 95 | p(1) | b | |
| Propachlor (+) | 1918-16-7 | 217-638-2 | 2924 29 98 | p(1) | b | |
| Propanil | 709-98-8 | 211-914-6 | 2924 29 98 | p(1) | b | |
| ▼M5 | | | | | | |
| Propargite (+) | 2312-35-8 | 219-006-1 | ex 2920 90 70 | p(1) | b; | |
| ▼B | | | | | | |
| Profam | 122-42-9 | 204-542-0 | 2924 29 95 | p(1) | b | |
| Propisoklor (+) | 86763-47-5 | n.a. | 2924 29 98 | p(1) | b | |
| Pirażofos (+) | 13457-18-6 | 236-656-1 | 2933 59 95 | p(1)-p(2) | b-b | |

▼B

| Sustanza Kimika | Nru CAS | Nru Einecs | ►M2 Kodiċi NM (***) ◄ | Sottokategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhi meħtieġa l-ebda notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Kwintożen (+) | 82-68-8 | 201-435-0 | 2904 90 85 | p(1)-p(2) | b-b | |
| ▼M1 Rotenon (+) | 83-79-4 | 201-501-9 | 2932 99 00 | p(1) | b | |
| ▼B Xillirosid | 507-60-8 | 208-077-4 | 2938 90 90 | p(1) | b | |
| Simazine (+) | 122-34-9 | 204-535-2 | 2933 69 10 | p(1)-p(2) | b-b | |
| Striknina | 57-24-9 | 200-319-7 | 2939 99 00 | p(1) | b | |
| Teknażen (+) | 117-18-0 | 204-178-2 | 2904 90 85 | p(1)-p(2) | b-b | |
